**Nru. 1167**

**ISMIJIET TA' TOROQ F'MALTA**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandha tiġi msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna tal-istess skeda msemmija.

**No. 1167**

**NAMING OF STREETS IN MALTA**

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.

**PAOLA**

Parti minn Triq id-Dgħajjes, indikata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

**TRIQ TONI ELLUL**
IL-KOJ – QADDIEF TAR-REGATTA

Parti minn Triq id-Dgħajjes, indikata bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

**TRIQ SANTA BERNADETTE SOUBIROUS**

Ġnejna fi Triq id-Dgħajjes, indikata bin-numru 3 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

**ĠNEJNA L-11 TA' FRAR**

Parti minn Triq id-Dgħajjes, indikata bin-numru 4 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

**TRIQ EMMANUEL GRECH**
BENEFATTUR

Parti minn Triq id-Dgħajjes, indikata bin-numru 5 fuq il-mappa hawn riprodotta, tiġi prolungata ma' u tissemma:

**TRIQ BRITANNJA**

Wesgħa quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Lourdes, indikata bin-numru 6 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

**MISRAĦ IL-MADONNA TA' LOURDES**



**PAOLA**

Parti minn Telgħet Raħal Ġdid, li tibda minn Triq Dom Mintoff u tispiċċa fi Triq il-Moll tax-'Shipwrights' indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

**TRIQ L-IRVELLIJIET 1958**

28 TA' APRIL



Id-9 ta' Ottubru, 2018

9th October, 2018

**Nru. 1168**

**SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali mill-1 ta' Ottubru, 2018:

| *Kunsill Lokali* | *Segretarju Eżekuttiv* |
| --- | --- |
| Ħal Safi | Maria Dolores Baldacchino |

Id-9 ta' Ottubru, 2018

**No. 1168**

**LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY**

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from 1st October, 2018:

| *Local Council* | *Executive Secretary* |
| --- | --- |
| Ħal Safi | Maria Dolores Baldacchino |

9th October, 2018

**Nru. 1169**

**TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'**

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

Id-9 ta' Ottubru, 2018
(File No. A1319/1997)

*Deskrizzjoni tal-Art*

L-art li ġejja fl-Iklin:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 121 metru kwadru, li tmiss mix-Xlokk u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mit-Tramuntana ma' triq pubblika jew irjieħ verjuri u hija reġistrata fir-*records* tal-Awtorità bħala *tenement* numru J47062.

**No. 1169**

**TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE**

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

9th October, 2018

*Description of the Land*

The following land at Iklin:

A plot of land measuring about 121 square metres, bounded on the East and on the South by Government property and on the North by a public road or more precise boundaries and is registered on Authority records as tenement no. J47062.